MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 39/1976/1

**Emanuele Camilleri, Frank Camilleri, Dun Salvatore Curmi, Salvatore Camilleri, Pietru Paul Azzopardi, Salvu Portelli u b'digriet tat-18 ta' Frar 1985, it-trasfuzjoni tal-gudizzju ghadda f'isem Maria Portelli u Joseph Portelli, Pietra mart Carmelo Said**
**v.**

**Marcel Grima u b'digriet tas-26 ta' Gunju 2006, stante li Marcel Grima miet fit-3 ta' April 1977, l-atti tal-kawza gew trasfuzi f'isem it-tifel Joseph Grima, Enoch Tonna kemm fil-kwalita` tieghu personali kif ukoll fil-kwalita` tieghu ta' Kummissarju tal-Pulizija u ghal kwalunkwe interess li jista' ikollu l-Ministru tal-Bini u Xoghlijiet**

**Il-Qorti:**

**I PRELIMINARI**

1. Dan huwa appell maghmul unikament mill-attur Emanuele Camilleri mis-segwenti sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, fil-21 ta' Frar, 2003:

"Il-Qorti

"Rat ic-citazzjoni ta' l-atturi li fiha ppremettew:

“illi l-atturi huma proprjetarji separatament ta’ qatghat ta’ art fabbrikabbli formanti parti minn sehem ta’ zvilupp approvat mid-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici ghat-territorju maghruf bhala ‘tat-Tamborlin’ fin-Nadur, Ghawdex, bejn Church Street u Racecourse Street, kollha bil-permessi ghall-bini relattivi fi triq gdida progettata skond l-istess scheme li tisbokka minn naha minnhom f’Church Street;

"Illi l-atturi Frank Camilleri u Dun Salv Curmi bnew dar fuq il-qaghtat rispettivi taghhom waqt illi l-attur Emanuele Camilleri bena garage u zewgt ikmamar fuq il-qatgha tieghu;

"Illi l-konvenut Manwel Grima bena dar fuq l-ewwel qaghta kantuniera ma’ Church Street u mhux biss ma llivellax it-triq minn Church Street sat-tarf tal-bini tieghu kif obbligat jaghmel qabel jibda jibni bl-Artikolu 13(5) tal-Ligijiet tal-Pulizija imma talli dawwar bil-hadid l-art quddiem id-dar tieghu bil-konsegwenza illi l-atturi ma jistghux jidhlu ghall-proprjeta’ taghhom;

"Illi l-konvenut Enoch Tonna fil-kwalita` tieghu ta’ Kummissarju tal-Pulizija gie mitlub ripetutament sabiex jinforza l-ligi kif huwa obbligat jaghmel skond l-Artikolu 358(1) tal-Kodici tal-Procedura Kriminali biex ma tibqax issir hsara lill-atturi u naqas milli jiehu ebda passi;

"Illi l-konvenuti f’isimhom proprju huma responsabbli ghad-danni versu l-atturi gia` rekati u li ghadhom jigu rekati a tenur ta' l-Artikolu 1076 tal-Kodici Civili;

"TALBU li dina l-Qorti:

"1. tillikwida d-danni li l-atturi sofrew u ghadhom qeghdin isofru minhabba l-agir illegali ta’ l-istess konvenuti;

"2. tikkundannahom li jhallsu lill-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata;

"3. tikkundanna lill-konvenut Marcel Grima li fi zmien qasir u perentorju li jigi minnha ffissat sabiex iwitti t-triq quddiem id-dar tieghu fit-triq il-gdida minn fejn tisbokka ghal go Church Street sat-tarf tal-bini tieghu kif inhuwa obbligat li jaghmel a tenur ta' l-Artikolu 13(5) tal-Ligijiet tal-Pulizija;

"4. tikkundanna lill-konvenut Enoch Tonna fil-kwalita` tieghu ta’ Kummissarju tal-Pulizija sabiex jiehu l-passi kollha li titlob il-ligi sabiex jara illi l-imsemmi Artikolu 13(5) tal-Ligijiet tal-Pulizija jigu osservati mill-konvenut kif obbligat jaghmel a tenur ta' l-Artikolu 358(1) tal-Kodici ta’ Procedura Kriminali f’kaz illi l-konvenut ma jkunx ikkonforma ruhhu mal-ligi fiz-zmien lilu moghti u dana fil-kaz taz-zewg konvenuti taht dawk is-sanzjonijiet u disposizzjonijiet li l-istess Qorti jidhrilha xieraq.

"Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-protest tal-20 ta’ Marzu 1972, u dak tat-13 ta’ Frar 1976, u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

"Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi, l-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti;

"Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Marcel Grima li eccepixxa:

"Illi d-domandi huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex l-eccipjenti ma ghamel xejn li bih seta’ jirreka danni lill-atturi;

"Illi l-eccipjenti fil-fatt ottempera ruhu mal-ligi u ma’ l-ordnijiet lilu moghtija minn kull awtorita`.

"Salvi eccezzjonijiet ohra.

"Rat id-dikjarazzjoni tieghu u l-lista tax-xhieda.

"Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ Enoch Tonna proprio et nomine u l-Ministru tal-Beni Pubbliku u Xoghlijiet, li biha eccepew:

"Li l-eccipjenti Ministru tal-Bini Pubbliku u Xoghlijiet m’ghandu ebda interess f’din il-kawza, li hija ta’ indoli privata, il-prezenza tieghu fiha m’hijiex necessarja tant illi ma izzid xejn fil-gudizzju li huwa integru minghajru, m’ghandu ebda xewqa li jidhol bejn il-privati u huwa gie imharrek inutilment u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

"Li l-eccipjenti Enoch Tonna m’ghandu ebda relazzjoni guridika mal-atturi, la personalment u lanqas bhala Kummissarju tal-Pulizija ghan-nom tal-Gvern ta’ Malta, trattandosi ta’ spoll allegat mill-atturi li gie kommess mill-konvenut Marcel Grima u ghalhekk huwa ghandu jigi liberat mid-domandi;

"Li l-ewwel domanda ta' l-attur hija nulla peress illi hija nieqsa mill-kawzali li trid il-ligi tant illi t-talba ghal-likwidazzjoni tad-danni ma gietx premessa b’dik tad-dikjarazzjoni tar-responsabbilita` tad-danni bil-kawzali relattiv;

"Li subordinatament u minghajr pregudizzju tal-premess, domanda ta’ dikjarazzjoni ta’ responsabbilita` ghad-danni bazata fuq l-Artikolu 1076 tal-Kodici Civili li jitratta fuq danni kawzati minn negligenza, imprudenza jew inattenzjoni, jigifieri danni kawzati minn negligenza, imprudenza jew inattenzjoni, jigifieri danni kolpuzi jew involontarji, hija insostenibbli fil-konfront ta’ Enoch Tonna personalment, kif anke fil-kariga ufficjali tieghu ta’ Kummissarju tal-Pulizija, fic-cirkostanzi tal-kaz, fejn kif l-atturi stess jallegaw l-ispoll tad-drittijiet reali taghhom gie kommess mill-att volontarju u abbusiv tal-konvenut Marcel Grima. Certament l-eccipjenti Enoch Tonna, la

personalment u lanqas bhala Kummissarju tal-Pulizija ma ghamel xi haga biex tellef lill-atturi d-dritt taghhom li jfittxu civilment, kif effettivament qeghdin jaghmlu f'din il-kawza, lill-awtur tal-ispoll.

"Li din il-Qorti m'hiex kompetenti li tiehu konjizzjoni tar-raba domanda tal-atturi, li ghandha bhala bazi taghha l-provediment tal-Kodici Kriminali u tal-Ligijiet tal-Pulizija, li huma wkoll penali, mhux biss minhabba illi f'dan il-kaz l-atturi setghu ipprocedew skond l-Artikolu 535 tal-Kodici Kriminali, izda anke minhabba illi l-azzjoni kriminali hija separata u distinta minn dik civili u tispetta esklusivament lill-Qrati ta' Gudikatura Kriminali.

"Illi ghalhekk u salvi eccezzjonijiet ohrajn, id-domandi atturi diretti kontra l-esponenti ghandhom jigu michudin bl-ispejjez.

"Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa u l-lista tax-xhieda.

"Rat in-nota ulterjuri ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Ministru tax-Xoghlijiet, Kummissarju tal-Pulizija u Enoch Tonna fejn eccepew ulterjorment:

"Illi huma ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante illi dina l-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tkompli tisma' din il-kawza sakemm din tirrigwarda lilhom ai termini ta' l-Artikolu 743(3) tal-Kodici tal-Organizzazjoni u Procedura Civili.

"Salvi eccezzjonijiet ohra.

"Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom.

"Ezaminat ix-xhieda;

"Rat l-atti u d-dokumenti kollha inkluza r-relazzjoni tal-perit legali nominat l-Avukat J.Micallef Stafrace u tal-perit tekniku l-Perit Arkitett Albert Fenech, ukoll n-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet.

"Rat l-atti u d-dokumenti l-ohra kollha;

"Ikkunsidrat:

"Illi fl-ewwel lok u qabel xejn ghandu jinghad li huma biss l-ewwel tliet talbiet li llum ghadhom konsistenti stante li t-talbiet l-ohra gew sorpassati bl-eventi u m'ghandhomx aktar valur. Addizjonalment jinghad ukoll li mill-atturi kollha li originarjament ipproponew il-kawza huwa biss l-attur Emanuel Camilleri li ghadu jippersegwitha stante rinunzja ghall-azzjoni ta' l-atturi l-ohra kollha.

"Il-kawza ghalhekk fl-istat taghha attwali hija wahda fejn l-attur rimanenti qieghed jirreklama danni kontra l-konvenut *sic et simpliciter*.

"Illi l-fatti li taw lok ghall-kawza huma spjegati b'mod mill-aktar lucidu u ezawrjenti mill-perit arkitett nominat fil-kawza, l-AIC Albert Fenech, fir-relazzjoni tieghu (folio 208 et seq). Sintetikament il-fatti huma: li in segwitu ghal 'scheme' approvata mill-awtoritajiet, l-attur kien xtara, fis-sena 1966, plot adjacenti ghal dik mixtrija mill-konvenut li kienet kantuniera tat-triq progettata, illum iffurmata u imsejha Triq Piju Cellini, in-Nadur, Ghawdex. L-iskema approvata kienet tikkontempla li l-bini, fuq kull naha, jkollu 'front garden'. Jirrizulta li appena l-attur inhariglu l-permess hu ssokta jizviluppa l-art tieghu u fil-fatt tella' skantinat u garaxx. Sa dan l-istadju l-plot tal-konvenut kienet ghadha vojta u l-attur kien jisserva milli jghaddi minn fuqha, bl-ingenji u materjal, biex jaccedi u jizviluppa l-art tieghu. Gara izda li meta l-attur lesta din il-fazi ta' zvilupp u intraprenda biex ikompli ma setax billi fl-intervall l-konvenut kien beda x-xoghol fuq l-art tieghu u l-access ghall-konvenut ma kienx ghadu jezisti minhabba li kien gie ffurmat il-parapett mahsub bhala 'front garden' mill-konvenut. Mill-konstatazzjonijiet li ghamel il-Perit Arkitett l-access gie ostakolat billi l-parapett kompla imblokka t-triq "li kienet ghada maghluqa bil-hitan madwar il-konfini ta' proprjeta ta' terzi". Sussegwentement u precizament fis-sena 1978, allura sitt snin wara li kien gie prekluz lill-attur l-access ghall-plot tieghu, l-posizzjoni giet sblokkata meta giet esproprijata l-art tat-terzi, ghal-liema esproprijazzjoni

kkontribew kemm l-atturi, fin-numru originali, u kemm il-konvenut, u b'hekk giet iffurmata t-triq.

"Illi huwa fatt, wkoll li jirrizulta mill-atti, li b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali moghtija fl-24 ta' Gunju 1972, l-konvenut instab hati talli ghamel xoghol ta' bini fit-triq de quo minghajr permess validu minghand il-Bord tal-Ippjanar tal-Bini billi dik il-Qorti kienet pjenament sodisfatta li, in kontravenzjoni ghall-permess lilu rilaxxjat mill-Planning Area Permits Board, hu ma kienx wessa' t-triq qabel beda jibni l-bini tal-'front garden'. Fil-fatt li gara hu li l-konvenut fil-waqt li ottempera ruhhu mal-ordni ta' dik il-Qorti u nehha l-imsemmi 'front garden' kien xorta wahda impedixxa l-access minn fuq l-art tieghu billi ghalaqa bil-hadid.

"Illi l-abbli Perit Arkitett f'paragrafu 24 u 25 (folio 219 / 230 tal-process) jghid li biex jigi ottenut l-allinjament mehtieg, min jibni jrid jifforma nofs il-wisa' tat-triq gdida mhux biss tul il-faccata tal-bini tieghu, izda wkoll sa fejn din it-triq gdida taqbad ma' triq ezistenti pero' biss meta l-art fejn ser tigi ffurmata t-triq sa nofs il-wisa' taghha tkun ta' l-istess sid, jew ta' sidien differenti li jilhqu ftehim dwar l-iffurmar taghha.  Izid imbaghad li f'kaz li l-art, jew parti minnha, fejn ser tigi ffurmata t-triq sa nofs il-wisa' taghha tkun ta' terzi, bhal fil-kaz in ezami, il-Gvern jista' jesproprija l-art mehtiega ghall-formazzjoni tat-triq, kif del resto jirrizulta li eventwalment gara f'dan il-kaz.

"Illi fatturi ohra emergenti mill-provi u l-istess relazzjoni li din il-Qorti qisithom rilevanti huma is-segwenti:

"1.  li meta nhargu l-permessi (b'referenza ghall-permessi kollha inkluzi fl-iskema) nofs il-wisa' tat-triq kienet ghadha m'hijiex formata u kienet ghadha maghluqa b'hitan u proprjeta' ta' terzi – xhieda tal-AIC Joseph Mizzi folio 176;

"2.  li ghalkemm il-perit tekniku jistqarr (folio 221 para.27) li xi arrangament kien sar biex thalla jinbena l-bini minghajr 'front garden', meta kien progettat li jsir bl-imsemmi gnien, vigenti l-istess arragament, sakemm

kienu jittiehdu l-passi mehtiega biex tigi esproprijata art ta' terzi ghall-formazzjoni tat-triq, minn imkien ma rrizulta dan l-arrangament; anzi skond ix-xhud Victor Scicluna (Technical Officer I tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet - folio 194) l-allinjament tal-bini in kwistjoni gie spustjat 'il barra b'hames piedi u b'hekk jekk il-linja tal-'front garden' kienet tithalla kif kienet progettata, il-'front garden' kien ikun hames piedi flok ghaxar piedi. Ghalhekk, meta sar ghaxar piedi, l-allinjament tat-triq tressaq 'il barra b'hames piedi fuq fejn suppost saret it-triq.

"3. li skond il-Perit Tekinku l-fatt ta' l-ispostament ta' l-'isplay' fil-kantuniera mal-plot tal-konvenut, ma kellu ebda effett fuq il-wisa' tat-triq (folio 221);

"4. li a para. 30 (folio 222) jinghad li l-attur segwa l-allinjament li zamm il-konvenut, jew vice versa, u fforma 'front garden' ta' tliet metri, bil-hames piedi diskrepanza fl-allinjament tat-triq;

"5. li l-A.I.C Joseph Dimech (folio 194) xehed illi kemm l-attur kif ukoll il-konvenut, li taghhom it-tnejn kien il-perit, imxew fuq il-linja li tahom id-Dipartiment u l-istess ghamlu s-sidien l-ohra li nghatalhom l-istess allinjament u dan kompla biex ghalaq il-ftit spazju ezistenti bejn il-hajt madwar l-art ta' terzi u l-'front garden line' tat-triq in kwistjoni li kienet ghad trid tinfetah (para 31 folio 223);

"6. li meta inhareg l-allinjament relattat mal-permess tal-bini lill-konvenut dan hareg bil-'front garden';

"Illi nghad dan ghalhekk il-kawza ghandha issib is-soluzzjoni logika taghha fuq jekk il-konvenut naqas li jifforma nofs il-wisa' tat-triq kif kien tenut u stipulat bil-ligi. Issa f'dan il-kuntest hemm ukoll il-konferma tax-xhud l-Perit Joseph Mizzi, li kien l-engineer inkarigat fid-dipartiment, li xehed li l-konvenut ma kienx tenut li jifforma t-triq stante li l-art fejn kienet intiza li tigi formata t-triq ma kinitx tal-konvenut, liema fatt jirrizulta wisq car mill-konstatazzjonijiet tal-perit tekniku.

"Illi ghalhekk jirrizulta lil dina l-Qorti li huwa proprju l-applikazzjoni tal-principju "qui suo iure utitur non videtur iniuriam facere" li ghandha tipprevali stante li jekk kien hemm xi nuqqas dan jahti ghalih l-attur u dawk li bhalu riedu jizviluppaw l-art taghhom dak iz-zmien. Ghaliex tghid x’tghid kellhom mezzi adegwati bil-ligi kif jottjenu l-access u minflok ezawrewhom ippretendew li jinqdew minn proprjeta’ tal-konvenut minghajr ma kellhom ebda dritt. Kwindi fil-konfront ta’ l-attur tapplika l-massima *“nemo suam turpitudinem alligere licet”*. Il-konvenut, da parti tieghu, ezercita dritt li kellu.

"Ghalhekk u inghad ‘il fuq espost fil-waqt li tiddikjara provediment ezawrit fil-konfront l-ahhar zewg talbiet attrici, tichad l-ewwel tliet talbiet tieghu bl-ispejjez."

**II L-APPELL**

2. Appella minn din is-sentenza biss l-attur Emanuele Camilleri fit-13 ta' Marzu, 2003. Jirrizulta li l-atturi l-ohra kollha kienu rrinunzjaw ghat-talbiet taghhom. L-appellant fir-rikors ta' l-appell tieghu jghid li billi nfethet it-triq, anke t-talbiet fil-konfront tal-Kummissarju tal-Pulizija gew irrelevanti u ghalhekk il-kawza tkompliet bejn l-appellant u l-konvenut Grima. L-appellant wara li jaghti riassunt tal-fatti li taw lok ghall-kawza, tax-xhieda li nstemghu, wara li ghamel xi riflessjonijiet ta' natura legali, l-istess appellant talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata fuq imsemmija, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Grima takkolji t-talbiet attrici fil-konfront ta' l-istess Marcel Grima, illum mejjet, kif rapprezentat f'din il-kawza, u tikkundannah ihallas lill-appellant is-somma likwidata favur tieghu bhala d-danni mill-perit legali fir-relazzjoni tieghu ta' tlett elef u hames mitt lira (Lm3,500), u bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

3. L-appell ta' l-imsemmi attur Emanuele Camilleri gie kontestat mill-konvenut Joseph Grima, u dan b'risposta ta' l-appell ipprezentata fis-7 ta' April, 2003. F'din ir-risposta huwa spjega r-ragunijiet ghaliex fil-fehma tieghu s-sentenza appellata kienet wahda gusta u timmerita li tigi

konfermata u talab li din il-Qorti tichad l-appell, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant.

**III KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

4. Jirrizulta mill-verbal redatt minn din il-Qorti fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2006, illi l-partijiet qablu li l-atti fil-mori tal-prim istanza, l-atti kienu gew ceduti fil-konfront tal-konvenuti kollha minn barra Marcel Grima. Jirrizulta li dan il-konvenut kien miet fit-3 ta' April 1977, u l-atti tal-kawza gew trasfuzi f'isem ibnu, cioe` Joseph Grima, l-appellat. Kif sewwa kkummentat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, il-kawza fl-istat attwali taghha hija wahda fejn l-attur rimanenti, cioe` Emanuele Camilleri, qieghed jirriklama danni kontra l-konvenut Grima. Dawn id-danni, l-attur qed jirriklamahom ghaliex jallega li Grima imblokkalu l-access ghall-proprjeta` tieghu billi ma llivellax it-triq quddiem id-dar tieghu, kif l-attur jallega li kien obbligat li jaghmel skond il-ligi, u billi inoltre huwa dawwar bil-hadid l-art quddiem l-istess dar tieghu.

5. Il-proprjetajiet rispettivi taz-zewg kontendenti li baqa' fil-kawza jidhru fil-pjanta maghmula mill-perit tekniku Albert Fenech, li tinsab esebita bhala dokument AF1, a fol. 314 tal-process. Jirrizulta li meta l-attur Emanuele Camilleri beda jibni fil-proprjeta` tieghu huwa kien jghaddi minn fuq il-*front garden* tal-konvenut Grima. Proprjament biex jinghata permess ghall-bini huwa rikjest li tkun formata nofs il-wisa' tat-triq, cioe` mill-*front garden alignment* sal-linja medjana tat-triq. Jidher li fil-kaz odjern, l-awtoritajiet governattivi kienu "ghalqu ghajnejhom", taw l-*alignment* lill-kontendenti anke fejn ma kienx hemm formata nofs it-triq. Jirrizulta li wara xi zmien il-konvenut Grima ghalaq il-*front garden*, bir-rizultat li l-attur ma setax jghaddi ghall-proprjeta` tieghu. Din is-sitwazzjoni damet ghal cirka sitt snin u cioe` sa meta l-gvern esproprija l-art ta' terzi li kien hemm quddiem il-proprjeta` tal-kontendenti biex b'hekk it-Triq Piju Cellini, giet formata u miftuha. Id-danni li l-attur Camilleri qieghed jippretendi jikkonsistu fid-differenza fl-gholi tal-prezzijiet li kellu jhallas bejn meta sar l-imblokk daparti tal-konvenut Grima u bejn iz-zmien meta t-triq giet miftuha bis-sahha ta' l-esproprijazzjoni msemmija.

6. L-ewwel Qorti ma laqghetx it-talbiet ta' l-attur bazikament ghaliex irriteniet li f'dan il-kaz kien applikabbli l-principju legali *“qui suo iure utitur non videtur iniuriam facere”*. L-ewwel Qorti ziedet tghid illi jekk kien hemm xi nuqqas, dan jahti ghalih l-attur u dawk li bhalu riedu jizviluppaw l-art taghhom, li kellhom mezzi adegwati bil-ligi kif jottjenu l-access, u minflok ma ezawrewhom, ippretendew li jghaddu minn fuq il-proprjeta` tal-konvenut minghajr ma kellhom dritt jaghmlu dan.

7. Fir-rikors ta' l-appell tieghu, l-attur isemmi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza, u jirriproduci certi siltiet mehuda mix-xiehda tal-persuni li xehdu f'din il-kawza. Huwa wisq evidenti li l-appellant qieghed jikkritika l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti, kif ukoll qieghed jikkritika lill-istess Qorti ghaliex din injorat ghal kollox l-Artikolu 2015 tal-Ligijiet tal-Pulizija, Kap. 10 (qabel qalb l-Artikolu 13(5) tal-Kap. 13) li jiddisponi hekk:
"Ebda bini li jmiss ma' triq gdida ma jista' jinbena qabel ma t-triq tigi invellata sewwa mal-linja kif moghtija mill-Awtorita` Dwar it-Trasport ta' Malta. It-tul tat-triq li ghandha tigi hekk invellata, ghandu jibda minn triq li gia` hemm u li hija gia` miftuha ghall-pubbliku, u ghandu jibqa' sejjer sa l-ahhar tat-tarf tal-faccata tal-bini li ghandu jsir."

L-appellant jghid li l-konvenut Grima naqas li jottempera ruhu din id-disposizzjoni tal-ligi. Jghid ukoll li meta l-allinjament tat-triq inhareg 'il barra, l-konvenut Grima, biex jinqeda hu, xtara bicca art quddiem il-proprjeta` tieghu u li originarjament kellha tkun parti mit-triq, u qabad u imblokka l-access ghall-proprjeta` ta' l-attur. L-appellant jghid li dana l-agir tal-konvenut Grima kkawzalu danni li ghalihom jibqa' responsabbli l-istess konvenut Grima a tenur ta' l-Artikolu 1033 (dari 1076) tal-Kodici Civili.

8. L-appellat Grima fir-risposta tieghu, jikkontesta l-verzjoni tal-fatti kif elenkati fir-rikors ta' l-appell. Huwa jghid illi hemmhekk l-appellant ta l-verzjoni kif qabel lilu biss. L-appellat spjega kif huwa kien bena fuq l-art tieghu u ma kiser ebda ligi. Jghid li meta tbiddlet l-allinjament tat-triq u l-faccata tal-proprjeta` tieghu fuq it-Triq Piju

Cellini kibret, huwa kellu d-dritt li jixtri bicca art ohra sabiex ikun jista' jaghmel il-parapett tieghu. L-appellat jghid li meta d-Dipartiment tax-Xoghlijiet sposta l-allinjament tat-triq 'il barra, bejn il-*front garden* tal-konvenut, fil-parti l-aktar dejqa u l-art ta' terzi, kien hemm biss wisa' ta' cirka pied, li evidentement ma kienx bizzejjed biex ihalli access liberu ghall-attur. L-appellat jghid li ghalhekk kellha tigi espropprijata l-art ta' terzi sabiex l-art issir pubblika, tkun tista' tinfetah it-Triq Piju Cellini billi titniffed ma' Triq Lazzru Pisani u b'hekk ikun hemm access liberu ghall-utenti ta' din it-triq, fosthom l-attur. L-appellat jishaq li sakemm saret din il-procedura ta' espropprijazzjoni, l-art fejn kellha tghaddi t-triq kienet ghadha ta' sidien li huma terzi. L-appellat enfasizza li l-*front garden* tieghu ma kienx it-triq izda kien u baqa' dejjem proprjeta` tieghu. Jghid li ma tista' tirrizulta ebda responsabbilita` mill-fatt li huwa ma kkoncediex l-access minn fuq l-art tieghu la lill-attur u lanqas lil haddiehor. L-appellat jghid li kien dejjem obbligu u responsabbilita` ta' l-attur, li qabel jghaggel jibni jassigura li jkollu access ghall-fond tieghu biex 'il quddiem ma jkollux il-kwistjoni li xi hadd jichadlu dak l-access. L-appellat zied jghid li l-fatt li huwa f'xi zmien irrifjuta li jhalli lill-attur ikompli jghaddi minn fuq il-proprjeta` tieghu, ma jimplikah f'ebda responsabbilita` ghad-danni, ghaliex l-access kien qabel gie moghti lill-attur b'mera tolleranza u mhux bi dritt. L-appellat enfasizza li t-tolleranza tista' tigi rtirata, ghaliex din fiha nfisha tikkontjeni element ta' transitorjeta` u okkazzjonalita`. L-appellat jghid li l-Artikolu 20(5) tal-Ligijiet tal-Pulizija (Kap. 10) m'ghandu ebda relevanza ghall-kaz odjern. Jghid illi rrizulta li kien l-attur stess li beda jibni l-ewwel u beda jibni mhux biss meta t-triq kienet ghadha mhux invellata, izda meta l-linja tat-triq kienet twassal fl-estrem li ma kienx ghadu hemm access minn Triq Lazzru Pisani. L-appellat jghid li huwa kellu kull fakulta` li jipprojbixxi l-access minn fuq il-proprjeta` tieghu lill-attur u lil haddiehor li ppretenda li kellu jghaddi minn hemm. Ma kien hemm l-ebda ligi u l-ebda regolament li kien igaghlu jikkoncedi access minn fuq l-art tieghu, cioe` dik il-parti li kienet destinata biex tkun il-*front garden* tieghu. L-appellat ghalhekk jghid illi s-sentenza appellata

waslet ghal konkluzjoni gusta u ghalhekk timmerita li tigi kkonfermata.

9. Wara li qieset akkuratament il-fatti kollha rilevanti li taw lok ghall-kawza, kif dawn jemergu mill-provi akkwiziti fil-process, din il-Qorti jidhriha li sitwazzjoni verament skabruza li sab ruhu fiha l-attur meta l-access ghall-proprjeta` tieghu gie mblokkat, hija fil-fatt, rizultat ta' certi cirkostanzi, li wiehed jista' isejjhilhom "strambi" u li jidhru li ssuccedew f'dan il-kaz.

10. L-ewwel cirkostanza verament stramba temergi mill-operat ta' l-awtoritajiet governattivi stess. Jidher assodat li dawn ma segwewx il-prassi li ma jaghtux l-allinjament tat-triq lil min ikun irid jibni qabel ma jaccertaw ruhhom li triq tkun formata u miftuha. AIC Joseph Mizzi, li dak iz-zmien kien Inginier u wara sar Direttur tax-Xoghlijiet inkarigat minn Ghawdex, xehed hekk fis-seduta mizmuma mill-periti gudizzjarji fit-8 ta' Awissu, 1978 (ara fol. 176):
"Meta l-atturi kollha u l-konvenut Marcel Grima applikaw ghal-linja ahna tajnihielhom u billi kien hemm xi pressjonijiet ahna <u>ghalaqna ghajnejna</u> ghall-"half width", cioe` tajna l-linja anke fejn ma kienx hemm il-"half width" [tat-triq] furmat." (enfasi tal-Qorti)

Aktar tard fl-istess deposizzjoni l-istess xhud jghid hekk:
"L-izball sar minna, "in the first place" ghax tajnihom il-permess lill-atturi."

Il-perit tekniku Albert Fenech fil-paragrafu 26 tar-relazzjoni tieghu jirrelata hekk:
"Kif l-A.I.C. Joseph Mizzi sustanzjalment qal fix-xiehda tieghu migbura fis-Seduta numru 2 tat-8 ta' Awissu 1978, l-ewwel ma zbalja kien id-Dipartiment ikkoncernat meta haret il-permessi lill-atturi.

Anzi jrid jinghad li d-Dipartiment zbalja meta haret permess kemm lill-atturi kif ukoll lill-konvenut; ghaliex meta nhargu d-diversi permessi in kwistjoni, nofs il-wisa' tat-triq kienet ghadha m'hix iffurmata, u kienet ghadha maghluqa b'hitan u proprjeta` ta' terzi.

Ghalhekk id-Dipartiment seta' 'zbalja' biss sabiex ma jostakolax l-izvilupp li kien propost, u b'hekk agevola kemm lill-atturi, kif ukoll lill-konvenuti.

Billi d-Dipartiment ghamel hekk, gie intavolat fil-kwistjoni li eventwalment svolgiet fil-kawza odjerna."

Dan 'l hekk imsejjah zball gie sorvolat meta l-awtoritajiet sproprijaw art ta' terzi u b'hekk it-Triq Piju Cellini setghet tinfetah.

11. Cirskostanza stramba ohra temergi mill-operat ta' l-attur inniffsu. Irrizulta li meta dan xtara l-proprjeta` tieghu huwa ma assigurax ghalih innifsu d-dritt li jkollu access ghal plot tieghu. Irrizulta li l-kontendenti xtraw biss art sat-tarf tal-binja taghhom u li l-ispazju fejn kellha tkun it-triq baqa' jappartjeni lil terzi. Jirrizulta li biex l-attur appellant bena fl-ewwel fazi parti mill-binja tieghu, huwa kien tollerat mill-konvenut Grima li jghaddi minn fuq l-ispazju li kien destinat li jkun il-*front garden* ta' l-istess konvenut Grima. Irrizulta li wara xi zmien il-konvenut Grima, ghar-ragunijiet tieghu, ma baqax jittollera li l-attur jghaddi minn fuq din il-proprjeta` tieghu u bena appozitament strutturi fuq l-istess art tieghu sabiex h'hekk imblokka l-access ta' l-attur ghall-proprjeta` tieghu. L-attur appellant irrizulta li baqa' madwar sitt snin shah imblokkat u ma jistax jibni fil-proprjeta` tieghu u rrizulta li l-awtoritajiet sabu tarf ta' din il-kwistjoni biss meta huma esproprjaw l-art ta' terzi u b'hekk Triq Piju Cellini setghet tinfetah.

12. L-ahhar cirkostanza "stramba" kkommettiha l-konvenut Grima. Wara li dan ottjena dak li ried minghand l-awtoritajiet, huwa qabad u imblokka l-access lill-attur billi bena fuq il-*front garden* tieghu. Meta l-istruttura tal-gebel li bena hemmhekk kellu jnehhiha b'ordni tal-Qorti minhabba li l-awtoritajiet ma kenux geddulu l-permess ghal tali struttura fuq il-*front garden*, huwa xorta wahda baqa' jimblokka l-access ta' l-attur billi minflok l-istruttura ta' qabel huwa ghamel recint tal-hadid li ghalih milli jidher u skond ia xehed il-Perit Dimech, il-konvenut ma kellux bzonn ta' l-ebda permess mill-awtoritajiet. F'din il-kawza l-konvenut Grima insista li huwa kellu dritt bil-ligi li jaghmel

dak li ghamel, cioe` kellu dritt li jibqax jittollera li l-attur jghaddi minn fuq il-proprjeta` tieghu.

13. Din il-Qorti jidhrilha li l-ewwel Qorti kellha ragun tapplika ghall-kaz odjern il-principju tad-dritt Ruman li "*qui suo iure utitur non videtur iniuriam facere*", liema principju huwa enkapsulat ukoll fl-Artikolu 1030 tal-Kodici Civili li jiddisponi li kull min jaghmel uzu ta' jedd tieghu fil-qies li jmiss, ma jwegibx ghall-hsara li tigri b'dan l-uzu. Jidher accertat li l-access ghall-proprjeta` ta' l-attur kien koncess mill-konvenut b'mera tolleranza. F'dawn ic-cirkostanzi ma jidher li kien hemm xejn bil-ligi li jimpedixxi lill-konvenut, li meta jrid, jirtira l-istess facilita` ta' access. F'dan ir-rigward din il-Qorti sejra taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-12 ta' Jannar 2005, liema Qorti kienet presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Philip Sciberras, fil-kawza fl-ismijiet **Maria u Antoinette konjugi Cuschieri v. Angelo Cilia**:
"Fl-espressjoni tal-**Laurent** (“Principii di Diritto Civile”, Vol. XXXII para a 297), “*colui che gode per mera tolleranza non ha nessun titolo, salvo un consenso del proprietario che questi puo` ritirare da un istante all’ altro*”;

"Huwa principju accettat illi l-attijiet ta’ pura tolleranza u kortesija ma jistax, u ma ghandhomx, jirridondaw ghad-dannu ta’ min ghamel il-koncessjoni. Jew li l-persuna li lilha saret tali koncessjoni, ghax hekk favorita mill-kortesija ta’ haddiehor, tapprofitta ruhha u tippretendi li tista’ tivvanta drittijiet proprji fuq il-haga moghtija in uzu b’ dik l-istess tolleranza. Kif jinsab awtorevolment deciz “it-tolleranza ma tattribwixxi ebda dritt lill-parti wahda; u ebda obbligu konsegwenti u korrispettiv lill-parti l-ohra … u min igawdi minnha ma jkunx qed igawdi bi dritt, ghaliex in-natura taghha ma taqbelx mar-rabta legali li tnissel maghha n-necessita` ta’ l-adempiment” (**Kollez. Vol. XXXIV P I p 92**);

"Jinsab precizat, imbaghad, kemm dottrinalment kif ukoll fil-gurisprudenza illi l-atti ta’ tolleranza huma dawk li ghandhom insit fihom elementi ta’ transitorjeta` u saltwarjeta` u jsibu origini mir-rapport ta’ hbiberija, familjarita` u l-buon vicinat (**Kollez. Vol. XL P I p 534**).

Konsegwentement dawn l-istess atti jincidu b' mod debboli hafna fuq id-drittijiet ta' haddiehor."

14. Illi f'dawn ic-cirkostanzi huwa car li l-appell fil-meritu ma jistax jintlaqa'. Certament pero`, hemm lok li jkun hemm temperament fuq il-kap ta' l-ispejjez ghaliex l-operat tal-konvenut minflok ma kien ispirat minn dik r-ragjonevolezza li fuqha jinbena il-buon vicinat, jidher li kien jiskatta minn certa pika bla sens li kkawzat skumdita`, inkonvenjent u danni mhux biss lill-attur izda diversi persuni ohra.

15. Ghal dawn il-motivi u fis-sens premess tichad l-appell fil-meritu u tikkonferma s-sentenza appellata fil-meritu. Ghal dak li jirrigwarda l-kap ta' l-ispejjez, tordna li kull parti fil-kaz tbati l-ispejjez taghha, kemm ghal dak li jirrigwarda l-proceduri quddiem l-ewwel istanza u kemm ukoll fil-konfront ta' l-ispejjez ta' din it-tieni istanza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------